KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 4**

**It-Tlieta, 10 ta' Settembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-17:50.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur | Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa | Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur | Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Is-Sur Johann Borg Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sur Jordy Brincat Segretarju Eżekuttiv

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

*Is-seduta tal-Kunsill bdiet fis-17:50 minħabba li nqalgħu problemi tekniċi bil-live stream.*

**04.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**04.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' safar. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**04.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 03)**

**04.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 03.

**04.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondata mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-minuti ta' seduta 03 ġew approvati unanimament.

**04.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**04.03.01** *5 bike racks*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebu 2 kwotazzjonijiet għal 5 bike racks. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €486.75. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' din il-kwotazzjoni u għalhekk ġie deċiż li tinġieb kwotazzjoni oħra mingħand xi ħaddieda.

**04.03.02** *30 m fence*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġiebet kwotazzjoni sabiex tiġi segregata ż-żona ta' fejn il-basketball court u l-open gym il-ġdid. Huwa semma li l-prezz għal dan il-fence se jammonta għal €13,968.84. Il-kunsilliera preżenti ma qablux ma' din il-kwotazzjoni u għalhekk ġie deċiż li dan ma jsirx.

**04.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

*Is-Sindku Scott Camilleri silef ftit mill-ħin tiegħu lill-Kunsillier Ivan Abela Grech, lill-Kunsilliera Rohasia Zammit, kif ukoll lill-Kunsillier Karel Zahra u l-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħtu aġġornamenti fuq il-laqgħat li kellhom u x-xogħlijiet li għaddejjin.*

**04.04.01** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech tkellem dwar l-ammont li se jiġi jiswa l-uffiċjal ECO. Il-prezz huwa dak ta' €128 għal 3 sigħat. Huwa spjega li dawn se jkunu fit-toroq ta' Birżebbuġa mill-ġimgħat li ġejjin sabiex jassiguraw l-indafa fit-toroq. L-uffiċjali ECO ser ikunu libsin pajżana u se jagħtu multi fejn isir rimi ta' skart b'mod illegali u mhux skont l-iskeda. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa minn se jkun qed jieħu l-flus mill-multi u li jekk il-Kunsill hux se jkollu xi tip ta' dħul minn din l-ispiża. Il-Kunsillier Ivan Abela Grech wieġeb li se jiċċekkja sew dwar dan. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa lill-kunsilliera sabiex jibagħtu pjan ta' tqassim u ħinijiet tal-uffiċjali permezz t'email. Semma li se jkun hemm budget ta' €2,000 sal-aħħar ta' din is-sena, u fil-bidu tas-sena d-dieħla jiġi deċiż jekk is-servizz jiġix estiż.

**04.04.02** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech tkellem dwar l-Island Games u ta spjegazzjoni dwarhom. Huwa qal li l-edizzjoni tal-island games għas-sena 2025 se ssir ġewwa l-Bajja s-Sabiħa u li dan l-avveniment se jiġu għalih atleti minn diversi pajjiżi. Dan se jkun mifrux fuq 3 ijiem u se jinkludi sports bħal ġiri, canoeing, fitness, etċ. Dan l-avveniment se jiġi mxandar ukoll fuq Netflix.

**04.04.03** Il-Kunsilliera Rohasia Zammit tkellmet dwar il-Junior Science Club. Hija qalet li kellha laqgħa magħhom u tawha xi aġġornamenti fosthom li l-iskola tista' tintuża għal din l-attività wara li kien hemm qbil mas-surmast. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat staqsa dwar kif se jintgħażlu l-animaturi. Il-Kunsilliera Rohasia Zammit wieġbet li l-Kunsill se jilqa' l-applikazzjonijiet u wara dawn għandhom jingħaddu lill-persuni inkarigati mill-Junior Science Club sabiex isiru l-intervisti, fejn għalihom ikunu preżenti rappreżentanti kemm min-naħa tal-Kunsill kif ukoll min-naħa tal-klabb. Is-Sindku Scott Camilleri talab sabiex jinħareġ l-avviż fuq il-midja soċjali tal-Kunsill malajr kemm jista' jkun sabiex jekk ikun hemm xi edukaturi minn Skolasajf interessati, japplikaw.

**04.04.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ta' aġġornament dwar dawn l-iskemi:

_Skema 1_: rigward il-kappella ta' San Ġorġ qal li jrid isir pjan ta' xogħol u li dan irid jitlesta sal-bidu t'Ottubru. Irid ikun hemm ukoll xi ħadd li jieħu ħsieb u jara li jagħti tagħrif fuq it-tqassim tax-xogħlijiet li jridu jsiru. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-pjan kien li jitneħħa l-konkos li hemm, jitnaddaf il-ħajt u fejn kien hemm is-siġar l-antiki jsiru beds biex it-tfal ikunu jistgħu jħawlu xi ħwawar fihom. Din se jieħu ħsiebha s-Sindku Scott Camilleri.

_Skema 2_: rigward il-fitness għadna ma smajna xejn.

_Skema 3_: rigward il-world clean-up day hemm €1,500 grant għall-affarijiet li hemm bżonn. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jsiru packed lunches. Din se ssir nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru fit-08:00 u ġiet suġġerita Triq il-Ġebel.

_Skema 4_: rigward il-manutenzjoni tax-xatt tal-Qajjenza, l-applikazzjoni ntbagħtet.

_Skema 5_: rigward l-attività kulturali annwali, is-Sindku Scott Camilleri ħejja l-ewwel pjan u se jagħti briefing fuqha iktar 'il quddiem fl-item dedikat għaliha.

_Skema 6_: rigward il-ħaddiema manwali għadna ma smajna xejn.

_Skema 7_: se tiġi diskussa iktar 'il quddiem fis-sezzjoni tal-korrispondenza.

**04.04.05** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar ix-xogħlijiet. Huwa semma li l-PWD se jkomplu bix-xogħlijiet tal-bankini u se jibdew bi Triq l-Arzella. Huwa semma wkoll li se jitkellem mal-perit rigward ir-road humps. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li s-Sindku Scott Camilleri talbu sabiex jiċċekkja ma' TM jekk dawn jaċċettawx li fejn indikawlna li jridu jsiru tat-tarmak, isiru tal-lasktu minflok. It-talba ġiet aċċettata minn TM bil-kundizzjoni li jkunu wiesgħa 3 metri.

**04.04.06** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-pjanti marbuta mat-traffic management tal-Qajjenza u l-upgrade taż-żona biswit Cabo Terrace fi Triq Ħal Far. Il-pjanta mingħand il-perit waslet ftit ħin qabel din is-seduta u għalhekk irid ikollu ftit iżjed ħin ħalli jarahom sew, speċjalment tal-Qajjenza, u mbagħad jitkellem dwarhom waqt is-seduta li jmiss. Dwar il-pjanta ta' biswit Cabo Terrace saret diskussjoni bejn dawk preżenti u rajna li għad fadal materji li għad iridu jiġu indirizzati. Il-Kunsillier Alex Caruana ħa nota ta' dawn il-materji u se jitkellem mal-perit il-ġimgħa d-dieħla.

**04.04.07** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar l-istorm water ta' Triq il-Port Ħieles u semma li din se titkabbar. Il-Kunsillier Darren Mark Debono staqsa lill-Kunsillier Alex Caruana fejn se jmur l-ilma li se jgħaddi minnhom. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li dan se jmur fil-baħar. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li l-ilma se jissaffa qabel imur fil-baħar.

**04.04.08** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li rċivejna permess ieħor sabiex jingħadda cable minn Marsaxlokk u jaqsam għas-substation ġewwa Triq Għar Dalam. Qal li l-ewwel trid issir laqgħa ta' kordinament ma' IM, WSC u Enemalta sabiex jekk ħa terġa' tinqala' Triq il-Marniżi, li saret ftit tas-snin ilu, dan il-cable jiġi mgħoddi mill-ewwel. Semma wkoll li l-permess mill-Enemalta biex jgħaddi underground cable mill-Freeport sa Triq Bourlemaque ġewwa l-Qajjenza. Hu diġà tkellem mal-Enemalta biex waqt dawn l-istess xogħlijiet jibdlu l-high tension cable antik li kien sar fil-ħamsinijiet. Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-proġett tad-drenaġġ (minn Triq San Patrizju, Misraħ is-Summit, il-Bajja s-Sabiħa sa ħdejn l-għassa) li mistenni jibda f'Ottubru li ġej. Dwar dan hemm bżonn li jsir kordinament tajjeb marbut mat-traffic management.

**04.04.09** Il-Kunsillier Alex Caruana tkellem dwar il-proġett tad-drenaġġ tax-xatt, li huwa mistenni jibda f'Ottubru. Il-Kunsilliera Maria Mifsud staqsiet dwar kemm għandu żmien biex jitlesta dal-proġett. Il-Kunsillier Alex Caruana wieġeb li aktarx għandu sas-sajf li ġej.

**04.04.10** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-problema tal-ħamiem. Huwa qal li attwalment m'hemm l-ebda entità li tikkontrolla l-ħamiem fis-salvaġġ. Semma li tella' policy fis-seduta li kien hemm tar-Reġjun Nofsinhar biex iġib il-kunsens tas-sindki tar-reġjun nofsinhar u flimkien permezz tal-environmental manager tar-Reġjun tiddaħħal deroga f'isem ir-reġjun. Is-sindki kollha qablu li din hija problema fil-komunità. Huwa ssuġġerixxa li minflok jinqatel il-ħamiem, dan għandu jinqabad fil-gaġeġ. Il-kunsilli jridu jidentifikaw żoni fejn se jsiru dawn il-gaġeġ u jkollu persuni li jieħdu ħsieb iż-żamma ta' dawn l-għasafar. Huwa qal li f'din il-policy huwa kiteb li l-ikel li jingħata lill-ħamiem waqt iż-żamma għandu jkun sterelizzat sabiex titnaqqas il-popolazzjoni tagħhom. Is-Sindku Scott Camilleri qal li kull kunsill se jkun qiegħed jirċievi formola sabiex jiġu identifikati ż-żoni problematiċi, evidenzi, etċ.

**04.04.11** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-għalqa li tinsab fi Triq Żaren Dalli. Wara l-korrispondenza li ilha għaddejja diversi xhur bejn is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u l-entitajiet li jistgħu jassistu fiha, baqa' ħadd ma wieġeb fil-pożittiv. Huwa qal li l-pass li jmiss huwa li uffiċjalment jinforma lill-ministri konċernati sabiex jintervjenu huma billi l-proċess weħel bejn l-ERA u l-PA għax mhux qed jassumu responsabbiltà. Il-Kunsillier Karel Zahra staqsa jekk iż-żona hix se tingħalaq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li ż-żona mhux se tkun qed tingħalaq għax iċċekkja kemm jiġi jiswa l-hoarding u dan jiswa ammont sostanzjali. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li jekk il-Kunsill jagħlaq hemm bil-hoarding għall-ispejjeż tiegħu, allura nkunu qed nagħtu lok li nagħlqu iżjed artijiet fejn hemm sitwazzjoni simili.

**04.04.12** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar laqgħa li kellu mal-ERA, flimkien mal-Kunsilliera Maria Mifsud, rigward iż-żona tal-Girgħien li kellha tiġi żviluppata u li dak iż-żmien l-iżviluppaturi kellhom l-obbligu li jħallsu €20 għal kull metru kwadru li se jiżviluppaw. Huwa semma li hemm l-ammont ta' €110,000 disponibbli sabiex il-Kunsill

jidentifika proġett ambjentali flimkien mal-ERA. Ġie deċiż li tintgħażel l-art fejn hemm ir-razzett ta' Sjettu għal dan il-proġett.

**04.04.13** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar iż-żjara li għamel is-Segretarju Parlamentari l-Onor. Omar Farrugia fejn żaru s-sit ta' fejn se jinbena ċ-ċentru ċiviku l-ġdid. Apparti minn hekk saret spezzjoni fuq ix-xogħlijiet meħtieġa li hemm bżonn isiru fix-xatt ta' Birżebbuġa, liema xogħlijiet ġew mitluba mill-Kunsill sabiex isiru dirett mill-PWD. Huwa semma wkoll li l-fond allokat għas-sena d-dieħla huwa dak ta' €250,000.

**04.04.14** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana u lill-Kunsillier Darren Mark Debono sabiex jikkordinaw flimkien fuq is-slipway tal-Qajjenza. Il-Kunsillier Alex Caruana intervjena billi qal li meta tkellem mal-Ministru l-Onor. Chris Bonnett kien irċieva pjanta fejn qed isostnu li fil-fehma tagħhom l-uniku post li tista' ssir huwa fin-nofs tax-xatt. Huwa sostna li jekk qatt ma pruvaw jidħlu b'karozza ma jistax jiġi deċiż li ssir hemmhekk. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li jkun hemm kuntatt mas-Sa Janice Borg minn IM sabiex tinstab soluzzjoni u terġa' ssir is-slipway fil-Qajjenza.

## 04.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**04.05.01** Il-Kunsillier Ivan Abela Grech ressaq mistoqsija dwar meta huwa pjanat li jitwaħħlu l-bollards f'Wied il-Buni (fejn jibda x-xatt). Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li qed nistennew mingħand supplier biex jagħmlilna kopji taċ-ċwievet tal-bollards li nxtraw billi dawn iċ-ċwievet għandhom forma partikolari.

**04.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-diskussjonijiet mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Omar Farrugia. Huwa talab sommarju qasir dwar dawn id-diskussjonijiet li saru waqt iż-żjara tiegħu fir-raħal nhar id-29 t'Awwissu. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-PWD se jkunu qed jagħmlu estimi tal-proġett tax-xatt mill-monument ta' Bush u Gorbachev sa qabel Ferretti, kif ukoll se jdaħħlu l-proġett tal-ġnien Profs. Anton Tabone li jinsab San Ġorġ, u jkomplu bil-proġett taċ-ċentru ċiviku.

**04.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar il-permess għat-tkabbir tal-Bajja s-Sabiħa. Huwa talab għal aġġornament dwar PA448/24, rigward il-proponiment tat-tkabbir tal-Bajja s-Sabiħa li għadu s'issa miftuħ mal-PA, u jekk bediex il-proċess biex dan jingħalaq. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li talab il-konsulent ambjentali Dr Alexander Borg Galea sabiex jerġa' jiċċekkja dwarha kif ukoll bagħat email formali huwa stess biex jara fiex wasal il-proċess .

**04.05.04** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Ġnien Profs. Anton Tabone fiż-żona ta' San Ġorġ. Huwa talab għal aġġornament dwar ix-xogħlijiet li kellhom isiru fl-imsemmi ġnien billi dan kien imħabbar li se jsir lura mal-pjan tax-xogħol ta' din is-sena u li fl-aħħar diskussjonijiet li saru l-Kunsill, kien se jipprova jsir ma' Project Green. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-PWD urew ix-xewqa li dan il-proġett isir min-naħa tagħhom bħala parti mill-proġett tax-xatt. Qal ukoll li t-tagħmir tal-bandli se jerġa' jitla' għad-deċiżjoni ta' dan il-Kunsill. Semma wkoll li min-naħa tal-Kunsill irid isir pjan t'azzjoni ta' kif ħa nipproċedu, ikun hemm konferma tax-xogħlijiet li se jagħmlu l-PWD u jerġgħu jitilgħu seduta l-istimi tal-kuntrattur tal-bandli. Is-Sindku Scott Camilleri tenna li aktarx dan il-proġett se jsir is-sena d-dieħla.

**04.05.05** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar id-devoluzzjoni ta' ġnien f'Santa Katarina. Huwa talab għal aġġornament dwar il-proċess tad-devoluzzjoni tal-art fi Triq Santa Katarina biswit l-iskola primarja. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-perit beda l-proċess mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**04.05.06** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar artiklu li deher fil-gazzetta *Times of Malta* fejn hemm rappurtat li l-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa preżenta ittri ġudizzjarji fil-qorti ċivili kontra Enemalta u l-kumpanija Epic għar-raġuni li dawn qed jibqgħu jagħmlu installazzjonijiet fuq infrastrutturi eżistenti, saħansitra anke mal-faċċati tar-residenti, b'konsegwenzi ta' ħsarat fil-propjetajiet tagħhom. Huwa staqsa jekk saritx komunikazzjoni mal-awtoritajiet konċernati rigward dawn il-problemi u li jekk saret komunikazzjoni li ma wasslet għal imkien, hemmx lok fejn din tiġi diskussa mar-reġjuni kollha ta' Malta biex issir aktar pressjoni. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li s'issa qatt ma qamet din il-problema fil-lokalità iżda jistgħu jsiru diskussjonijiet.

**04.05.07** Il-Kunsillier Darren Mark Debono ressaq mistoqsija dwar possibiltà ta' parkeġġ organizzat fi Triq il-Port Hieles kantuniera ma' Triq il-Barrieri. Huwa xtaq ikun jaf jekk hux possibbli li din iż-żona tiġi żviluppata f'żona ta' parkeġġ organizzat b'art livellata bit-tarmak u kaxxi bojod, u jekk ikun hemm il-bżonn jiżdied ukoll id-dawl sabiex din iż-żona jiżdidilha l-ammont ta' parkeġġi b'estetika aktar attraenti mingħajr dak l-iżdingar li hemm bħalissa fejn jista' jagħti lok għal abbuż ta' skart u rimi illegali. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din hi żona privata iżda fil-frattemp jista' jsir kuntatt mas-sidien sabiex jintlaħaq kompromess biex din l-akkwata tiġi organizzata.

**04.05.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil ressqet mistoqsija dwar il-proġett tal-Qajjenza ta' qabel San Luċjan. Hija xtaqet tkun taf minn liema seduta għadda dan il-proġett, kemm ġie jiswa, min għamlu, u bħala disinn kif wasal għall-konklużjoni. Staqsiet kif se jitħallas jekk mhux minn Project Green. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat wieġeb li dik iż-żona taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill u billi daħlu diversi rapporti ta' ħmieġ u periklu, fosthom mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, dwar l-istat li kienet tinsab fih bil-ħaxix li kiber u zkuk maħruġa 'l barra u ta' periklu għal min ikun fuq il-Hop On Hop Off, kellha tittieħed deċiżjoni urġenti sabiex jitneħħa kull periklu mill-aktar fis. Spjega wkoll li dan ix-xogħol li jinkludi l-qtugħ ta' ħaxix salvaġġ tul it-triq kollha, iż-żbir tal-bushes, it-tiswija tal-kurduna mkissra, u t-tindif u l-ġbir ta' materjal ġie jiswa €1,300. Semma wkoll li t-tħawwil u x-xiri tal-pjanti se jiġi jammonta għal €450. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill għamel diversi tentattivi biex dan ix-xogħol isir minn Parks Malta kif ukoll għamel talba għal laqgħa ma' Project Green fejn f'din il-laqgħa li kienu preżenti diversi Kunsilliera ma ġie mwiegħed xejn u ma sar ebda ftehim. Spjega li ma sar ebda disinn billi kulma sar upkeep u wara tħawlu xi pjanti addattati għall-post, kif ukoll sar xi ftit ġebel biex jagħti dehra isbaħ, u ma sar xejn li jmur kontra l-alignment tat-triq. Tenna li dan ix-xogħol se jitħallas mill-allokazzjoni tal-Kunsill.

## 04.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**04.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar t'Awwissu fuq il-mejda tal-kamra.

## 04.07 Korrispondenza

**04.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna korrispondenza min-naħa tal-WasteServ rigward il-European Week for Waste Reduction fejn il-kunsilli għandhom il-possibilità li jikkompetu fi 3 kategoriji differenti, li marbuta magħom hemm premju ta' €1,000 għal kull kategorija. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Maria Mifsud sabiex ittella' proposta għas-seduta li jmiss.

**04.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bħalissa għaddejja korrispondenza bejn il-Kunsillier Alex Caruana u TM rigward il-problema ta' garaxx fi Triq it-Tankijiet u t-toroq tal-madwar li huma kollha dojoq, fejn ir-resident qed isib problema biex idaħħal il-karozza jekk faċċata jkun hemm vettura oħra pparkjata. Huwa talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħti spjegazzjoni tal-laqgħa li kellu u x'qed jissuġġerixxi bħala proċedura. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li kien kellem il-perit tal-Kunsill u permezz ta' programm speċjali ħadem id-distanza għad-double yellow line biex ikun żgur li l-karozza ddur sew. Huwa qal li s-sitwazzjoni bħalissa qiegħda li meta l-Kunsill javviċina l-awtoritajiet konċernati għall-approvazzjoni qed ikun hemm wisq dewmien. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jagħmel laqgħa ma' TM ħalli mmexxu.

**04.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma l-immaniġġjar tat-traffiku ta' fejn Cabo Terrace. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li din titla' bħala agenda item fis-seduta li jmiss. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex jipprepara fuqha.

**04.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna ċirkulari SPI/SCI/07/2024 mingħand id-direttur tal-Gvern Lokali fejn ħa joffru xi għajnuna manwali f'xogħlijiet ta' manutenzjoni bħal tibjid, kisi, tikħil, etċ., f'binjiet li huma ownership tal-Kunsill Lokali. Bi qbil mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat se jinżebagħ il-komun billi kien daħal xi ilma, kif ukoll isir il-membrane ta' fuq il-bejt.

**04.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ftit tal-ġranet ilu ħalla din id-dinja ż-żagħżugħ sportiv Jake Vella u f'isem il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ta l-kondoljanzi lill-familja ta' dan iż-żagħżugħ. Semma li ftit tal-jiem ilu rċieva telefonata mingħand missier Jake fejn qal li bħala familja ma jsibux oġġezzjoni li jsir mafkar li jfakkar lil Jake. Jum qabel ġie avviċinat mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti, u l-Gvern Lokali fejn urew ix-xewqa li jikkollaboraw bis-sħiħ minn aspett finanzjarju u loġistiku f'din l-inizjattiva. Is-Sindku Scott Camilleri qal ukoll li rċieva telefonata minn Birżebbuġa Aquatic Sports Club fejn issuġġerew li titneħħa l-arti tal-injam li hemm bħalissa u minflok jitpoġġa l-mafkar li se jkun qed jissimbolizza lil Jake. Il-kunsilliera preżenti qablu li jekk il-familjari jaqblu wkoll ma jsibu l-ebda oġġezzjoni fuq din l-inizjattiva. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu dwar il-post suġġerit, jiġifieri fuq l-art pubblika biswit il-pitch tal-water polo.

**04.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar sabiex il-laqgħa mal-familjari tal-mibki Joseph Zammit issir il-ġimgħa li ġejja. Il-Kunsillier Karel Zahra ssuġġerixxa li t-tifkira tal-eks pumpier isir qabel dak ta' Jake. Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsilliera Rohasia Zammit sabiex tara jekk għandhomx xi suġġeriment tal-familja rigward din it-tifkira. Hu qed jissuġġerixxi li ssir tifkira fi Ġnien l-Indipendenza peress li kien joqgħod viċin.

## 04.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**04.08.01** Ma kien hemm l-ebda mozzjoni/rakkomandazzjoni.

## 04.09 Business Plan 2024-2029

**04.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li bejn is-sena 2024 u 2029 il-Kunsill huwa obbligat li jagħmel business plan u trid issir laqgħa pubblika dwaru. Huwa staqsa lill-kunsilliera preżenti jekk jaqblux ma' dan il-pjan jew jekk iridux iżidu xi ħaġa miegħu. Huma għandhom iċ-ċans li jagħmlu dan sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 16 ta' Settembru, billi se ssir laqgħa mal-accountant tal-Kunsill.

**04.09.02** Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa li l-laqgħa annwali dwar il-business plan issir nhar it-Tlieta, 29 t'Ottubru, fil-17:30.

## 04.10 Ingaġġ t'Uffiċjal Eżekuttiv

**04.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ftit tax-xhur ilu l-Kunsill ħareġ sejħa għal persuna klerikali biex tissostitwixxi lill-persuna li rriżenjat, u li din se tkun qed tagħmel xogħol ta' customer care. Wara li din is-sejħa għaddiet mill-proċess kollu stabbilit mir-regoli marbuta mar-riżorsi umani, din ħarġet miftuħa għall-pubbliku inġenerali fejn għaliha applikaw disa' (9) persuni. Minn dawn kien hemm ħamsa (5) eliġibbli bir-rekwiżiti stabbiliti. Kandidata minn dawn il-ħamsa infurmatna li m'għadhiex disposta u b'hekk ma kinitx ser tattendi għall-intervista. Kandidat ieħor infurmana li minħabba raġunijiet personali ma setax jipprovdi ċ-ċertifikati oriġinali kif mitlub, b'hekk ma baqax eliġibbli li jattendi għall-intervista. Kandidata oħra kellha tippreżenta ċertifikat oriġinali waqt l-intervista però għalkemm il-bord stenna 30 minuta, skont kif tgħid il-liġi, din kienet assenti. Iż-żewġ kandidati li baqa' eliġibbli attendew għall-intervista. Dawn ġew mogħtija numru hekk kif daħlet l-applikazzjoni tagħhom.

- L-ewwel kandidata li daħlet (1) ġabet 64% minn 100% waqt l-assessjar fl-intervista.
- It-tieni kandidata li daħlet (2) ġabet 56% minn 100% waqt l-assessjar fl-intervista.

Iż-żewġ kandidati preżentaw il-kondotta u d-dokumenti oriġinali kollha. Ġew evalwati sew u tħejjew diversi domandi lill-kandidati sabiex il-membri jkollhom stampa ċara tal-potenzjal ta' kull kandidat.

Wara li saru dawn l-intervisti, il-bord evalwa sew iż-żewġ persuni, li t-tnejn li huma wrew interess u kienu tajbin. Il-bord qed jirrakkomanda lill-Kunsill sabiex jagħżel lill-ewwel kandidata għal din is-sejħa peress li ġabet iżjed marki mill-persuna l-oħra. Jekk għal xi raġuni din ma taċċettax, nimxu għat-tieni kandidata peress li hi wkoll qabżet il-minimu tal-marki stabbiliti. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din l-għażla.

## 04.11 Żoni għall-għawm tal-annimali

**04.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Karel Zahra flimkien mal-Kunsilliera Rohasia Zammit kellhom imorru għand l-avukat u talabhom sabiex għas-seduta li jmiss itellgħu l-proposti.

**04.11.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Bricnat fakkar li l-Viċi Sindku Josette Busuttil kienet bagħtet korrispondenza fit-3 ta' Settembru fejn semmiet li qed ikun hemm il-klieb jgħumu fejn id-Dowdall Hotel bla ċinga, u li kellha tiġi diskussa llum. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din hija liġi ta' rispett u mhux miktuba fil-liġi ta' Malta.

## 04.12 Jum Birżebbuġa 2024

**04.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar Jum Birżebbuġa li se ssir fil-5 t'Ottubru f'Wesgħa Ramon Perellos. Huwa semma li bħala proċedura ttellgħu l-formoli tan-nominazzjonijiet fuq il-midja soċjali tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li fis-seduta li jmiss ħa tiġi diskussa r-rakkomandazzjoni tal-bord.

## 04.13 SPI/SCI/5/2024 - Skema Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025

**04.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li minflok l-attività li kienet ġiet proposta fix-xhur li għaddew, li kellha ssir fi żmien il-Milied, din id-darba, b'differenza, se ssir attività 'Festa Bengħajsa – Tradizzjoni | Kultura | Storja' li se ssir il-Ħadd, 18 ta' Mejju 2025. Il-ħsieb hu li waqt li l-parroċċa se tkun qed torganizza l-festa tal-Kunċizzjoni ġewwa Bengħajsa, fuq barra ssir attività ta' wirja agrarja u storika f'Misraħ Pietru Pawl Saydon. Apparti li se nkunu qed narmaw il-pjazza u nġibu baned u stalls li jbigħu affarijiet tradizzjonali, fiha se jiġu esplorati 2 affarijiet: esebizzjoni t'oġġetti relatati mal-biedja, kif ukoll esebizzjoni ta' vetturi ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. L-attività se tinkludi programmi edukattivi, workshops, wirjiet artiġġjanali, fost oħrajn. Preżenti se jkun hemm membri mill-għaqdiet lokali bħall-Għaqda Storja u Kultura, il-parroċċa, etċ. Il-Kunsillier Alex Caruana semma sabiex il-post fejn ser issir l-attività tintrama bl-armar bħal arbli, bandalori etċ. sabiex jagħtu dehra festiva. Is-Sindku Scott Camilleri ssuġġerixxa wkoll li ssir mawra bil-ferrovija mal-akkwati ta' Bengħajsa, Għar Ħasan u l-madwar. Il-Kunsillier Karel Zahra intervjena billi qal li għal din l-attività hemm grant ta' €14,800 u tajjeb li nagħmlu użu għaqli minnhom. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu li nbiddlu l-applikazzjoni minn dik li ġiet maqbula tal-attività fi żmien il-Milied għal Festa Bengħajsa li se ssir fit-18 ta' Mejju 2025.

## 04.14 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**04.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li għandu kunflitt t'interess f'pagament numru 39. Fl-istess waqt, is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li f'pagament numru 68 għandu jiġi rimborżat billi kien xtara xi materjal għall-ħaddiema ta' barra.

**04.14.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrimarka li f'pagament numru 15 għandu jiġi rimborżat ta' ittra li daħħal il-qorti.

*Petty cash:*

**04.14.04** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondata mill-Kunsilliera Rohasia Zammit, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**04.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**04.15.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fid-20:45 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 1 t'Ottubru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta, 1 t'Ottubru 2024.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________________ | ________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |